TALBA TAL-FIDILI

# TNEJN TAL-20 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Is-sejħa tar-raġel għani li ried jimxi wara Ġesù turina li, għalkemm il-Mulej ma jikkundannax il-ġid materjali, juri li wieħed ma jistax ikun dixxiplu tiegħu jekk isir skjav ta' dan l-istess ġid. Nitolbuh u ngħidulu:
R/. *Eħlisna mir-rabta mal-ġid tal-art, Mulej.*

1. Għall-Knisja, biex tidher tassew bħala komunità li mhijiex marbuta mal-kilba għall-ġid li jgħaddi, imma tinqeda bil-ġid b'mod liberu biex timxi biss wara Kristu u l-Evanġelju tiegħu, nitolbu. R/.

2. Għal dawk il-persuni li jakkapparraw il-ġid u jiddominaw l-ekonomija mondjali, biex tiġihom ħniena mill-miljuni ta' persuni li jbatu l-ġuħ u l-miżerja ħtija tas-sistemi inġusti li ħolqu huma u l-gvernijiet li jappoġġjawhom, nitolbu. R/.

3. Għal dawk il-miżżewġin li tilfu s-sieħeb jew is-sieħba tagħhom, biex isibu faraġ mill-ħbieb u familjari u sens ta' ferħ fil-fedeltà ta' mħabbithom li ma tintemmx mal-mewt, nitolbu. R/.

4. Għal min iħossu msejjaħ biex jikkonsagra ħajtu lil Alla, biex ikun ġeneruż ma' Kristu u jimxi warajh ħieles minn kull rabta ta' ġid jew karriera jew affett, nitolbu. R/.

5. Għar-reliġjużi u persuni ikkonsagrati biex ma jurux niket għax iħossu li ċ-ċaħdiet li għamlu kienu iebsin wisq, imma bil-ferħ joffru kull ma għandhom biex jiksbu t-teżor tas-sema li b'tant entużjażmu riedu f'jum il-professjoni reliġjuża tagħhom, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej, aħfer id-dnubiet tal-poplu tiegħek u agħtina qalb wiesgħa u ġeneruża biex inkunu nistgħu ngħixu l-faqar tal-ispirtu u niksbu l-ferħ tad-dixxipli tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## TLIETA TAL-20 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Alla jniżżel lis-setgħana mit-tron tagħhom u jgħolli lil min hu umli. Nitolbu biex ma nħallux il-ġid materjali jtellifna milli niksbu l-veru għana li Kristu kisbilna bl-offerta ta' ħajtu għalina:
R/. *Mulej, agħtina l-għana tal-ġid tas-sema*.

1. Għal dawk li fil-Knisja jimxu aktar mill-qrib wara Kristu fil-ħajja ikkonsagrata u fil-ministeru pastorali lejn il-komunità, biex jagħtu xhieda ta' faqar bil-ferħ li jilma fuq wiċċhom fl-għotja tagħhom lil Kristu, nitolbu. R/.

2. Għal dawk il-mexxejja politiċi li jiddominaw bil-kburija u jridu jaħkmu taħt idejhom il-ġid tal-foqra, biex jifhmu li Alla jaf jagħmel ġustizzja ma' dawk li huma maħqurin u jerfa' mill-miżbla lill-fqajrin, nitolbu. R/.

3. Għal kull min għandu bosta ġid, imma jinqeda bih biex jaqsam ir-riżorsi tiegħu ma' min hu inqas ixxurtjat minnu, biex il-Mulej jimlieh b'kull barka u jkattarlu l-frott tal-ħidma tiegħu, nitolbu. R/.

4. Għal dawk li ħallew art twelidhom biex jingħataw għall-ħidma ta' promozzjoni umana fil-qasam assistenzjali, mediku jew reliġjuż favur il-popli ta' pajjiżi foqra, nitolbu. R/.

5. Għalina, biex ma nippretendux li Alla jippremjana talli għażilna li ngħixu skond il-Kelma tiegħu, imma nintelqu biss fil-ħniena tiegħu, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, inti qaddis u ma tiflaħx tħares lejn il-moħqrija tal-foqra. Agħti widen għall-krib tal-foqra tad-dinja, eħlishom mit-tiranni ta' żminijietna, u wassal ħafna qlub ġenerużi biex iħallu kollox u jimxu wara Kristu li ftaqar biex bil-faqar tiegħu kulħadd isir għani u jikseb id-dinjità ta' wlied Alla. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

TALBA TAL-FIDILI

# ERBGĦA TAL-20 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Il-Mulej hu dejjem lest li jsejjaħ ħaddiema fl-għalqa tad-dwieli tiegħu, u qatt ma jehda milli jimxi bil-ġustizzja u l-ħniena skond il-kriterji tal-ġustizzja tiegħu. Nitolbuh biex aħna naħdmu għalenija fil-għalqa tiegħu u nistennew biss il-ħlas tal-ħniena bla tarf tiegħu magħna u ma' ħutna:
R/. *Mulej, sejħilna biex naħdmu fl-għalqa tiegħek.*

1. Biex il-Knisja tkun dejjem lesta li toħroġ tfittex lill-bnedmin li jistennew il-ħniena biex jidħlu huma wkoll fl-għalqa tad-dwieli ta' Kristu u jirċievu l-ħlas tal-ħniena tiegħu, nitolbu. R/.

2. Biex ir-ragħajja tal-Knisja jagħtu eżempju ta' dedikazzjoni għall-merħla fdata f'idejhom, u jifhmu li Alla hu s-sid tan-nagħaġ u li Hu l-veru ragħaj tal-Knisja, nitolbu. R/.

3. Biex dawk li jaħdmu fil-professjoni medika fl-isptarijiet ikunu viċin il-morda mhux biss bil-kompetenza tagħhom imma wkoll bl-umanità u l-ħlewwa li juru fil-qadi ta' dmirijiethom, nitolbu. R/.

4. Biex il-ħaddiema jsibu x-xogħol li għalih għandhom il-jedd, u biex min iħaddem jevita d-diskriminazzjoni u l-inġustizzja fil-ħlas ta' ħaddiema li jkunu barranin jew mhux regolarizzati skond il-liġi, nitolbu. R/.

5. Biex permezz ta' din l-Ewkaristija aħna naħdmu għalenija fil-għalqa tad-dwieli ta' Kristu, ħalli s-sehem tagħna fl-ikel u x-xorb spiritwali jaqilgħalna l-maħfra u l-ħniena li neħtieġu, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù Kristu, sejħilna biex nidħlu naħdmu fl-għalqa tad-dwieli tiegħek, u kun int ir-ragħaj u l-għassies ta' rwieħna, biex niksbu mingħandek il-ħlas xieraq tal-ħniena tiegħek lejn kull min jersaq lejk, ukoll fl-aħħar waqtiet tal-ħajja tiegħu. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## ĦAMIS TAL-20 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Alla jrid jistieden lil kulħadd għall-festa tat-tieġ tas-saltna tiegħu. Fi Kristu, li ġie miċħud mill-poplu tal-wegħdiet, Alla tana l-għarus taż-żminijiet ġodda li fihom il-fqajrin minn kull poplu huma mistiedna jidħlu għall-festa tat-tieġ lebsin l-ilbies tas-salvazzjoni. Nitolbuh u ngħidulu:
R/. *Daħħalna għat-tieġ tas-saltna tiegħek, Mulej.*

1. Għall-Knisja, biex fiha l-Mulej ineħħi l-qlub iebsa tal-ġebel tan-nuqqas ta' ħniena u jlibbes lill-insara bi qlub tal-laħam tal-maħfra u l-imħabba, nitolbu. R/.

2. Għal dawk il-bnedmin li huma skjavi tal-ħmieġ u l-impurità tal-idoli ta' żminijietna, l-aktar tal-poter, tar-rikkezza u tal-pjaċiri tal-ġisem, biex iħallu lill-Mulej iroxxhom bl-ilma safi tal-indiema u jnaddafhom minn kull skjavitù tal-ħażin, nitolbu. R/.

3. Għal dawk il-koppji li qed iħejju ruħhom għaż-żwieġ nisrani, biex fil-preparazzjoni materjali tal-festa tat-tieġ ma jinsewx iħejju ruħhom spiritwalment billi jersqu għas-sagramenti u jiddawwlu mill-Kelma ta' Kristu, nitolbu. R/.

4. Għal dawk li għadhom ma semgħux bil-messaġġ tal-Evanġelju, biex isibu l-ferħ tal-istedina ta' Kristu u jidħlu fil-Knisja tiegħu għall-festa tat-tieġ tal-Ħaruf, nitolbu. R/.

5. Għalina, biex ma nirrifjutawx l-istedina tal-Mulej biex nidħlu fil-festa tiegħu u biex nersqu lejn l-Ewkaristija lebsin il-libsa tat-tieġ bis-safa u l-qdusija ta' ruħna, nitolbu. R/.

*Ċel:* Roxxna bl-ilma, o Alla, u saffina biex nindafu mill-ebusija ta' ruħna; agħtina qalb tal-laħam biex inħobbuk u nuru ħniena mal-proxxmu tagħna, u agħmel li nisimgħu lil Ibnek Ġesù u nilqgħu l-istedina tiegħu biex isibna lesti ħalli nidħlu miegħu bil-libsa tal-festa tat-tieġ. Hu li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# ĠIMGĦA TAL-20 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* L-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu hi l-milja tal-liġi u tal-profeti. Nitolbu biex aħna nitgħallmu mmorru għall-essenzjal tal-ħajja nisranija u nħobbu lil Alla fuq kollox u lill-proxxmu bħalna nfusna:
R/. *Għallimna, Mulej, il-kmandamenti tiegħek.*

1. Għall-Papa u l-isqfijiet, biex jgħallmu lill-poplu nisrani l-valur tal-imħabba ta' Alla li tidher fl-għemejjel ta' ħniena u mħabba lejn il-proxxmu, nitolbu. R/.

2. Għal-leġislaturi ta' pajjiżna u tad-dinja, biex ifasslu liġijiet ġusti li jmorru għall-qofol tal-valuri umani u ma jittraskurawx il-ġustizzja mibnija fuq il-ħniena u l-imħabba ukoll lejn min jagħmel il-ħażen , nitolbu. R/.

3. Għal dawk li qatgħu qalbhom jew li raw il-ħidma tagħhom tiżżarma ħtija tal-għira ta' persuni rivali, biex jibqgħu jemmnu fil-qawwa ta' Alla li jġedded kollox bl-Ispirtu tiegħu, nitolbu. R/.

4. Għall-popli li tilfu kull tama f'ġejjieni aħjar, u jħossuhom bħal għadam niexef bla ħajja u madwarhom jaraw il-biża' u l-mewt fil-gwerer, biex qatt ma jieqfu jemmnu li Alla jiftaħ l-oqbra u jerġa' jagħti n-nifs tal-Ispirtu tiegħu lil dawk li jittamaw f'dinja ġdida, nitolbu. R/.

5. Għalina, biex ngħixu l-kmandament tal-imħabba bħala l-qofol tal-impenn tagħna nisrani, u nimtlew dejjem bil-fiduċja fl-Ispirtu qaddis ta' Alla li jsaqqi l-art niexfa u jagħti l-ħajja lill-għadam mejjet, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Alla, inti urejt il-fedeltà tal-patt tiegħek meta qajjimt lill-poplu tiegħek min-nixfa tal-mewt u reġġajtu lejn artu, onfoħ fuqna l-Ispirtu tal-ħajja li bih qajjimt lil Ibnek Ġesù mill-imwiet, biex aħna nimxu fit-triq tal-kmandament tal-imħabba tiegħu. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# SIBT TAL-20 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Illum il-Mulej Ġesżu jgħidilna li wieħed biss hu l-Missier tagħna, dak li hu fis-smewwiet, u li hu biss l-imgħallem u l-Kristu tagħna. Nitolbuh u ngħidulu:
R/. *Kun int l-imgħallem u l-mexxej tagħna, Mulej.*

1. Għall-Papa, isqfijiet u saċerdoti, biex bħala mexxejja u għalliema tal-poplu ta' Alla jgħixu tabilħaqq dak li huma jgħallmu lil ħuthom, nitolbu. R/.

2. Għal kull min irid prestiġju u rispett fis-soċjetà ċivili jew fil-Knisja, biex jifhem li d-dinjità, l-awtorità u l-prestiġju jibnew qabel xejn fuq qbil mal-valuri umani u mar-rispett lejn id-dinjità tal-persuni, nitolbu. R/.

3. Għall-missirijiet u edukaturi tat-tfal, teenagers u żgħażagħ, biex iħaddmu l-awtorità tagħhom b'mod intelliġenti u li verament juri li huma jemmnu fil-valuri li jippruvaw jgħaddu lill-ġenerazzjonijiet ta' warajhom, nitolbu. R/.

4. Għal dawk li jaħkmu fuq l-oħrajn fil-kamp tax-xogħol u ma juruhomx ħniena, biex jifhmu l-bżonn li huma għandhom iqiegħdu lilhom infushom fil-kundizzjoni tal-impjegati tagħhom qabel ma jesiġu minnhom, nitolbu. R/.

5. Għalina biex nitgħallmu numiljaw ruħna quddiem Alla ħalli Hu jerfagħna meta jkun il-waqt, u biex naħarbu mill-ipokrisija u ħajja doppja, nitolbu. R/.

*Ċel:* Ħa tiddi l-glorja tiegħek fuq l-art kollha, Mulej, sabiex il-bnedmin kollha jagħrfu fik il-Missier u l-Imgħallem, u lil Kristu Ibnek bħala l-qaddej li wettaq sal-mewt fuq is-salib ir-rieda tiegħek. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# IL-WIEĦED U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA (Ċ)

*Ċel:* Alla jrid isalva lill-bnedmin kollha mingħajr l-ebda distinzjoni. Il-profeta Isaija diġà tkellem mill-ġnus li jitilgħu jaduraw lil Alla ta' Israel fit-Tempju ta' Ġerusalemm, u Ġesù jaqleb ta' taħt fuq il-konvinzjoni tal-Lhud li huma biss kienu l-ftit li se jsalvaw. Nitolbu biex aħna wkoll ninfetħu għall-proġett ta' salvazzjoni universali:
R/. *Salva lill-popli kollha, Mulej.*

1. Biex il-Knisja, fil-persuna tar-ragħajja tagħha, tidher bħala komunità miftuħa li trid tilqa' fi ħdanha lill-bnedmin kollha li jfittxu s-salvazzjoni, nitolbu. R/.

2. Biex fis-soċjetà tagħna ma ningħalqux f'mentalità li teskludi lill-oħrajn, imma nuru bil-fatti li nemmnu li kull persuna umana hi għażiża għal Alla, hi x'inhi r-razza, in-nazzjonalità, il-kulur jew it-twemmin tagħha, nitolbu. R/.

3. Biex il-ġenituri u l-edukaturi tat-tfal, teenagers u żgħażagħ, isibu kuraġġ biex jaqdu bil-ħlewwa u b'konvinzjoni d-dmir tagħhom li jikkoreġu u juru bil-konvinzjoni l-valuri awtentiċi li fihom jemmnu, nitolbu. R/.

4. Biex il-globalizzazzjoni fid-dinja tallum ma tkunx ta' dannu għad-drittijiet ta' min hu fqir u ma għandux aċċess għall-mezzi ta' komunikazzjoni, nitolbu. R/.

5. Biex aħna nilqgħu l-Kelma ta' Alla f'din l-Ewkaristija bħala twissija biex nistaqsu jekk il-valuri sagrosanti li nħaddnu jaqblux verament ma' dak li Ġesù jgħidilna meta jistedinna ngħaddu mill-bieb id-dejjaq u mhux mit-triq wiesgħa tat-telfien, nitolbu. R/.

*Ċel:* Missier, inti ssejjaħ lill-bnedmin kollha biex jgħaddu mill-bieb dejjaq tas-salib ħalli jidħlu fl-ikla tal-Għid. Agħtina l-qawwa tal-Ispirtu tiegħek, biex ningħaqdu mas-sagrifiċċju ta' Ibnek, u nduqu l-frott tal-libertà vera u tal-ferħ li inti rfajt għal kull bniedem fis-saltna teigħek. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## 15 ta' Awissu
## SOLENNITÀ TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA MTELLGĦA FIS-SEMA

*Ċel:* Kristu rebaħ il-mewt u qam rebbieħ biex iġedded il-ħolqien kollu. F'dan it-tiġdid Hu ried li l-ewwel waħda li tgawdi mill-frott tal-qawmien tiegħu tkun Ommu Marija, li ġiet meħlusa minn kull taħsir tad-dnub bil-merti tal-misteru tal-Għid ta' Binha. Infaħħru lil Alla għax f'Marija tana sinjal ta' tama żgura u ngħidulu:
R/. *Tidħol għalina Marija mtellgħa fil-glorja tas-sema.*

1. Agħti lil dawk kollha li rċevew il-magħmudija li jgħixu bħala wlied adottivi tiegħek u bħal Marija jħarsu bla mittiefsa l-grazzja tal-qdusija, nitolbu. R/.

2. Imla bit-tama lid-dinja li fiha ngħixu, ħalli min imexxi l-ġnus jagħmel proġetti ta' paċi u ta' rispett lejn il-ħajja u lejn il-valuri spiritwali, nitolbu. R/.

3. Int li ħlist lil Marija, Omm Ġesù, minn kull tebgħa ta' dnub, qaddes lill-Knisja tiegħek biex tħenn għall-midinbin billi tnaddafhom bil-penitenza, nitolbu. R/.

4. Sieħeb fil-glorja tas-sema lil dawk kollha li, bħal Marija, jgħixu bil-fidi u t-tama fost it-tbatija, il-mard u t-tiġrib li jiġi fuqhom, nitolbu. R/.

5. Żommna taħt il-ħarsien matern ta' Marija, li dejjem ħarisna lejha bħala Omm ħanina, ħajja, ħlewwa u tama tagħna, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, inti ridt issieħeb fil-glorja tas-sema lill-Verġni Marija, Omm Ibnek, u tajthielna bħala dawl u tama fil-mixja tagħna lejn is-sema. Agħtina li ngawdu dejjem il-ħarsien tagħha mill-għadu ta' ruħna, biex magħha nfaħħruk bl-innu ta' radd il-ħajr tal-fqajrin, li inti tħares lejn iċ-ċokon tagħhom ma' Marija, qaddejja tiegħek. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.